**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 10**

**It-Tnejn, 17 ta' Frar 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-2:35p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 8 kif emendati u l-Minuti tal-Laqgħa Nru 9 ġew approvati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

Dok. 25 Lista' Petizzjonijiet imwieġba u pendenti li kienu fuq l-Aġenda

Il-Kumitat kompla bl-Aġenda li kellu ta' Laqgħa Nru 9 u beda bil-Petizzjoni Nru 13

<u>Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products;</u> Il-kumitat ħa xi ftit minuti biex raw l-annexx 1 u 2 li kienu ngħataw mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. L-Onor. Castillo talab biex ikun hemm raġuni għala dawn il-heated tabacco mhux qed jiġu aċċettati imma affarijiet oħra bħal vape huma aċċettati. Talab ukoll jekk din hux aċċettata peress li aħna qegħdin fi free market. L-Onor. Castillo preżenta wkoll numru ta' riċerki li jikkuntrasta dak li ntqal fl-annex 1 u 2. L-Onor De Giovanni qalet li jekk ma tnaqqax l-aċċess għal prodotti tat-tabbakk, se tkun qed iżżid il-konsum. L-Onor. Chris Agius qal li skont ir-risposta, din hija liġi li ġiet transposed mill-Unjoni Ewropea u l-Onor. Castillo saħaq li suppost la tkun transposed, għandha tkun l-istess liġi għal kull pajjiż. L-Onor. Azzopardi qal li avolja kull tip ta' sigarett hu ħażin, irid ikun hemm raġuni għalfejn

ċertu prodotti qed jitħallew jidħlu u ċertu prodotti le. L-Onor. Camilleri indikat, skont ir-risposta li dawn il-prodotti jistgħu joħolqu nicotine addiction ġdida. Wara din id-diskussjoni, il-kumitat qabel li l-Ministeru għandu jikkonferma li legalment Malta qiegħda in line mal-free market u li jagħti raġuni dwar għala ċertu prodotti jitħallew u ċertu prodotti le. Il-Kumitat qabel ukoll li r-riċerka li għadda l-Onor. Castillo tintbgħat lill-Ministeru wkoll.

Petizzjoni Nru 47: Isem Binja Silvio Parnis tinbidel għall-Binja Albert Fenech: L-Onor. Camilleri qalet li flokk jinbidel l-isem tal-binja, għandha tissemma binja oħra għall-Professur Albert Fenech. Għaldaqstant il-Kumitat qabel li din għandha tgħaddi lill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli u kif ukoll għall-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali biex isir suġġeriment li l-binja tal-Gvern li jmiss fis-Siġġiewi, tissemma għall-Prof. Albert Fenech.

Petizzjoni Nru 48: Petition to amend the 10-day rule of the Employment Law for Third Country Nationals (TCNs): L-Onor. Castillo rrimarka li d-dettalji msemmija fil-petizzjoni, jistgħu jkunu qegħdin imniżżla fil-Malta Labour Migration Policy. Il-Kumitat qabel li sakemm ma jkunx hemm il-verżjoni finali tal-Malta Labour Migration Policy, tibqa' pendenti u wara li titlesta l-konsultazzjoni, tintbagħat lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

Petizzjoni Nru 49: Demand Immediate Action on MCAST Crisis: End the Academic Limbo for Students and Educators: L-Onor. De Giovanni qalet li twaqqfu d-direttivi msemmija imma l-Onor. Azzopardi qal li twaqqfu għax-xahar ta' Frar biss. Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tintbagħat lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għal aktar rimarki.

Petizzjoni Nru 50: Help us save Madliena Vallery from a Nursing Home in ODZ Development.: IL-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tintbagħat lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar kif ukoll lill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika u lill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva biex ikunu jistgħu jagħtu aktar dettalji u rimarki fuqha.

Petizzjoni Nru 51: ID Cards not being released by Identità: L-Onor. Azzopardi saħaq li kien hemm persuni li minħabba dan id-dewmin, ikun hemm persuni li ma jkunux jistgħu jsiefru biex jaraw lill-familjari tagħhom. Hemm min idum ix-xhur sakemm tinħareġ il-karta tal-identità. L-Onor. Castillo qal li dawn, fil-kuntratti tax-xogħol tagħhom ikun hemm kundizzjoni li parti mill-ħlas tagħhom ikun li jkollhom leave biex jaraw lill-familja tagħhom. Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol għar-rimarki.

Petizzjoni Nru 53: Introduzzjoni mill-ġdid tal-Lingwa Russa fir-Kurrikulu tal-Eżamijiet ta' Malta: L-Onor. Camilleri qalet li dan il-kors għandu jitkompla kemm għall-Maltin kif ukoll għal barranin. L-Onor. Azzopardi talab spjegazzjoni għala ttieħdet din id-deċiżjonij u jagħtu d-data ta' kemm studenti kien ikun hemm jagħtu l-eżami. L-Onor. Castillo staqsa jekk kienx sar xi studju biex ġie deċiż li jitwaqqaf u jekk sarx hekk biex ikunu jistgħu jidħlu xi lingwi ġodda oħra. Il-Kumitat kien tal-idea li għandu jitħallas aċċess li jsiru l-eżamijiet tal-MATSEC. Il-Kumitat qabel li din għandha tintbagħat kemm lill-Ministeru għall-

Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kif ukoll lid-direttur tal-MATSEC biex ikunu jistgħu jagħtu r-rimarki tagħhom.

Petizzjoni Nru 54: Ċittadin Malti li għamel reat f'Malta, anke jekk vittmi huma barra minn Malta, jiġi ġġudikat f'Malta:

Petizzjonijiet Nru 55 u 56 kienu għadhom ma għalqux u għalhekk id-diskussjoni ma setgħetx tibda.

Petizzjoni MP-4: Onor. Ian Vassallo: Iffirmata minn 748 persuna rigward konsultazzjoni pubblika dwar Traffic Management fi Triq Sir Temi Zammit, Imġarr: Inqrat it-tweġiba li l-kumitat ingħata. L-Onor. Azzopardi staqsa jekk saritx l-aħħar laqgħa li kienet imsemmija fir-risposta bejn il-Kunsill Lokali u Transport Malta. Talab ukoll li l-kunsill lokali jingħata l-briefing li ġiet diskussa u li jingħataw il-kopji tat-tweġibiet li l-kumitat kellu quddiemu. Ġie rrimarkat li l-Onor. Ian Vassallo jingħata dawn it-tweġibiet. Il-Kumitat qabel li għandha terġa' tintbagħat lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi kif ukoll lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali biex ikunu jistgħu jagħtu risposta għal dak mitlub mill-Kumitat.

Petizzjoni MP-6: Onor. Albert Buttigieg – Erġgħu iftħu l-għassa ta' San Ġwann: Peress li l-Ministeru kien għadu ma għaddiex ir-rimarki, l-kumitat qabel li għandha tintbagħat remidner lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

Petizzjoni MP-7: Onor. Robert Cutajar – Petition to Support the Malta Baseball & Softball Association: L-Onor. Camilleri saħqet li l-ebda sport ma għandu jieħu aktar prijorità minn ieħor. L-Onor. Castillo talab għal kjarifika ta' x'ħa jsir. L-Onor. Azzopardi talab ukoll li għandu jingħata aktar dettalji u jkun mistieden l-Onor. David Agius meta se tkun se tiġi diskussa.

Fit-3:24 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**